Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*2 ta' Ġunju, 2010*

80/2010

**AĠĠORNAMENT TAL-KLERU**

Bħalma tagħmel kull sena, il-Kummissjoni Formazzjoni Teoloġika Pastorali fi ħdan is-Segretarjat għall-Kleru qed torganizza aġġornament teoloġiku pastorali għas-saċerdoti u għar-reliġjużi kollha. Dan beda bejn it-18 u l-20 ta' Mejju, u qed ikompli f'dawn il-jiem, bejn l-1 u t-3 ta' Ġunju, 2010. Filwaqt li f'Mejju s-sessjonijiet kienu wara nofsinhar, dawk f'Ġunju qed isiru filgħodu, u għalihom qed jattendi l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. Is-sessjonijiet kollha qed jsiru fis-Seminarju tal-Arċisqof, Rabat.

Billi ninsabu resqin lejn tmiem is-sena ddedikata lis-Saċerdoti, it-tema li ntagħżlet hi: **Is-Saċerdot Illum: Sejħa u Sfida għat-Tiġdid tal-Identità.**